---

**18 ta' Lulju, 1958**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B. I. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Pawlu Caruana

**Appell — Piena — Telegrafu — Radio — Art. 425(b) (iii) tal-Kodići Kriminali — Art. 7 tal-Kap. 78.**

*Fost il-każijiet li fihom il-liġi tagħti lill-Attorney General id-dritt li jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati hemm dak meta l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti, jew fil-kwalità jew fil-kwantità tagħha, ma tkunx dik kontemplata mill-liġi għar-reat li fuqu l-kundannat ikun ġie misjub ħati.*

*Skond il-liġi dwar it-Telegrafi mingħajr Fili, il-pieni għar-reati kontemplati f'dik il-Liġi huma, għall-ewwel reat piena pekunjarja ta' mhux iżjed minn £50, u għat-tieni reat jew oħrajn l-istess piena ta' mhux iżjed minn £100, jew priġunija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dawn iż-żewġ*

*pieni flimkien. U billi l-minimum tal-multa huwa ta' £5, il-Qorti ma tistgħax tapplika multa ta' anqas minn £5; u jekk il-Qorti tal-Ewwel Grad tapplika multa anqas, kif għamlet f'dan l-każ, l-appell tal-Attorney General hu fondat, u l-piena għandha tiġi riformata billi tiġi applikata l-multa ta' almenu £5, kif sar f'dan il-każ.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mis-sentenza fl-ismijiet premessi tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-2 ta' Lulju 1958, u talab li l-istess sentenza tiġi riformata, billi tkun konfermata in kwantu l-imputat ġie misjub ħati taħt l-art. 4 tal-Kap. 78 tal-Liġijiet, u ġie mogħti lilu tmien tijiem żmien biex juniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s.6d. kulljum, u tiġi revokata in kwantu ġie kundannat għal 10s. multa, u li minflok l-appellat jiġi kundannat għall-piena xierqa skond il-liġi;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellat ġie misjub ħati li f'Birżebbuġa, mill-ewwel ta' Frar 1958 sa dak inhar taċ-ċitazzjoni, żamm apparat biex jirċievi messaġġi bit-telegrafu mingħajr fili mingħajr liċenza bil-miktub mill-Gvernatur, u ġie kundannat għall-multa ta' 10s., bi żmien tmien tijiem biex juniforma ruħu mall-liġi taħt penali ta' 2s.6d. kulljum;

Semgħet it-trattazzjoni;

Tikkunsidra;

L-appellant qiegħed jibbaża dan l-appell fuq l-art. 425 (b) (iii) tal-Kodiċi Kriminali, li jagħti appell lill-Attorney General meta l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti, jew fil-kwalità jew fil-kwantità tagħha, ma tkunx dik kontemplata mill-liġi għar-reat li fuqu l-kundannat ikun ġie misjub ħati;

Skond l-art. 7 tal-Kap. 78, il-piena għar-reati kontemplati f'dak il-Kap huma, għall-ewwel reat piena pekunjarja ta' mhux iżjed minn £50, u għat-tieni reat jew oħrajn l-istess piena ta' mhux iżjed minn £100, jew priġunija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dawn iż-żewġ pieni flimkien. Għalkemm, mentri fit-test malti tal-liġi, il-piena

pekunjarja hija kwalifikata bħala "multa", fit-test ingliż hija msejħa sempliċement "fine", però, fit-test oriġinali tal-liġi, jiġifieri l-Ordinanza nru. II tal-1922, li allura kien bit-taljan, l-istess piena kienet kwalifikata fl-art. 5 bħala "multa". Skond l-art. 13(1) il-minimum tal-multa huwa ta' £5, u skond l-art. 13(2), meta l-massimu tal-multa jkun anqas minn £5 mingħajr ma jkun iffissat minimum, allura l-minimum ikun ta' 10s. F'dan il-każ mhux applikabbli l-art. 13 (2), peress li l-multa kontemplata tissupera l-limiti ndikat fl-istess subartikolu;

Għalhekk, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tapplika multa ta' anqas minn £5, kif għamlet, u hekk l-appell tal-Attorney General huwa fondat;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-imputat ġie misjub ħati taħt l-art. 4 tal-Kap. 78, talli żamm apparat biex jirċievi messaġġi bit-telegrafu mingħajr fili mingħajr liċenza bil-miktub mill-Gvernatur, u fejn ġie lilu mogħti terminu ta' tmien tijiem biex juniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s.6d. kuljum, u tirrevokaha fejn l-istess imputat ġie kundannat għall-multa ta' 10s.; u fuq il-fatt kif stabbilit mill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-appellat, l-imsemmi Pawlu Caruana, għall-multa ta' ħames liri (£5).